

*Joseph A Bugeja*
*B.Comm; B.A. (Hons) Econ; MBA (Maastr)*

# *Il-parteċipazzjoni tal-għaqdiet Qriema fl-Assemblea Nazzionale tal-1919-1921.*



Din is-sena jaħbat id-disgħin anniversarju minn meta pajjiżna kellu l-ewwel gvern responsabbli. Dan l-iżvilupp fil-ħajja politika ta' pajjiżna kien frott il-ħidma kbira tal-patrijotti Maltin u ta' dawk l-għaqdiet li appoġġjawhom. F'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa lejn is-sehem tal-għaqdiet Qormin f'dan l-avveniment hekk importanti fl-istorja ta' pajjiżna, b'mod speċjali s-sehem tas-Soċjeta' Filarmonica San Giorgio Martire.

Fil-11 ta' Novembru 1918 ġie ddikjarat l-armistizzju u l-gwerra l-Kbira, li ħasdet tant miljuni fil-fjur taż-żogħżija, issa kienet intemmet. F'Malta saru festi kbar ħarġu jdoqqu l-baned fil-Belt. Kienet gwerra li ġabet taqlib politiku kbir fl-Ewropa. L-imperu Russu u dak Awstro-Ungariku kienu sfaxxaw u l-karbiet nazzjonalistiċi tal-popli Serbi (dominati mill-Awstrija) u Baltiċi (iddominati mir-Russja) ġew mismugħa għaliex dawn ingħataw l-indipendenza. Kienet tfaċċat il-Polonja wara nuqqas ta' kważi seklu. Dawn l-avvenimenti saħħew ir-rieda tal-Maltin sabiex huma wkoll jitolbu aktar drittijiet u jibdew imexxu ħwejjigħom f'arthom – Self Government. Fil-gazzetta "il-Malta" tat-23 Novembru 1918, Filippo Sciberras għamel appell sabiex tissejjaħ Assemblea Nazzionale sabiex titlob is-Self Government. L-appell kien indirizzat lill-għaqdiet kostitwiti kollha ta' Malta.

L-ewwel li aderixxa kien iċ-circolo "Giovane Malta". Din l-adezzjoni fetħet it-triq sabiex il-korpi kostitwiti, uħud mill-kapitli ta' Malta, il-partiti politiċi u numru kbir ta' għaqdiet mużikali u soċjali Maltin aderixxew għal din is-sejħa. Fost l-għaqdiet mużikali li aderixxew insibu tliet għaqdiet Qormin - iċ-circolo Musicale S. Andrea, circolo Mandolinistico Indipendenza u Filarmonika San Giorgio Martire. Ic-circolo S. Andrea innomina lill Carmelo Zammit u C. Cassar (president u segretarju taċ-circolo); Iċ-circolo Mandolinistico Indipendenza innomina lil Henry Parnis England u Giuseppe Borg (V. President taċ-circolo) bħala d-delegati tiegħu waqt li s-Societa' Filarmonica San Giorgio Martire innominat lil Robert Bencini u lil Emmanuele Farrugia . L-adezzjoni tal-Banda San Ġorġ kienet iffirmata minn Anton Stivala bħala president. Dan juri li Stivala kien għadu president tas-soċjeta' żgur sal-1918.



L-ewwel laqgħa tal-Assemblea Nazzionale saret nhar il-25 ta' Frar 1919 . Il-gazzetta "il-Malta" fil-ħarġa tas-27 ta' Frar 1920 ippublikat il-lista tad-delegati li attendew u fost il-lista nsibu r-rappreżentanti tat-tliet għaqdiet Qriema li aderixxew. Waqt din il-laqgħa kienu saru dimostrazzjonijiet kbar fil-Belt b'appoġġ għat-talba għas-self government.

It-tieni laqgħa kienet imsejħa għas-7 ta' Ġunju 1919. Kien magħżul is-Sibt sabiex id-delegati u n-nies ikunu jistgħu jikkonkorru aktar. Kienu daħlu folol kbar fil-Belt. Il-folla ħabtet għall-ħanut "A La Ville de Londres" – l-istess ħanut li l-folla kienet ħabtet għaliħ fil-25 ta' Frar. Minn hemm il-folla bdiet tattakka dawk l-istabbilimenti li kellhom tperper il-bandiera Ingliża. Wara li ġiet attakkata l-istamperija tal-chronicle, ġew mgħajta l-pulizija li ma setgħux jikkontrollaw il-folla u għalhekk ġew imsejħa s-suldati li sparaw fuq il-folla u ħallew tlieta mejta u ħamsa feruti . Dan kien qed iseħħ waqt li fil-Giovane Malta kienet għaddejja t-tieni laqgħa tal-Assemblea Nazzionale . L-irvellijiet infirxu wkoll f'ċerti rħula fejn ġew irrapurtati sakkeġġi f'Hal Qormi, Ħal-Luqa u ż-Żejtun .

Il-gvernatur il-ġdid, Lord Plumer, wara l-irvellijiet tas-7 u 8 ta' ġunju, sejjaħ lil Sciberras fil-palazz sabiex jiddiskutu kif tista' tintlaqa' t-talba tal-Maltin. Fil-laqgħa tat-8 t'Awwissu, li nżammet f'Villa Gourgon f'Ħal-Lija, id-delegati tal-Assemblea Nazzjonali, fosthom id-delegati tat-tliet għaqdiet Qriema li aderixxew, approvaw abbozz ta' kostituzzjoni ġdida. Fl-20 ta' Novembru 1919, il-gvern Ingliż ħabbar li kien ser jagħti s-Self government, liema kostituzzjoni fit-12 ta' Ġunju 1920 waslet permezz tal-Draft Letters Patent . Iżda ġara li dawn il-Letters Patent ma nkludewx il-klawsola sabiex ir-Reliġjon Kattolika tkun rikonoxxuta bħala r-reliġjon ta' Malta. L-isqof Mauro Caruana fid-19 ta' Ġunju 1920 oġġezzjona għal dan il-fatt u talab sabiex din tinbidel, b'mod speċjali Artiklu 56. Numru ta' għaqdiet aderixxew għal din is-sejħa tal-isqof. Fost l-għaqdiet Qriema, kien il-kumitat tal-Filarmonika S Giorgio Martire biss li appoġġjat is-sejħa tal-isqof. Din l-adezzjoni saret permezz tad-delegati ta' din il-għaqda fuq deċiżjoni tal-kumitat f'laqgħa li nżammet nhar il-11 ta' Lulju 1920.

Bi tħejjija għall-ewwel elezzjonijiet taħt il-kostituzzjoni l-ġdida twaqqfu numru ta' partiti politiċi, fosthom l-Unione Politica Maltese, l-eredi tal-Partito Popolare immexxi minn Ignazio Panzavecchia, il-Partito Democratico Nazzionalista mmexxi minn Nerik Mizzi u l-Partit tal-ħaddiema mmexxi minn Willie Savona. L-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri tul is-snin li kienet ilha mwaqqfa kienet tat appoġġ lil dawn it-tliet partiti u kienet involuta fit-twaqqif ta' tnejn minnhom . Taħt din il-kostituzzjoni fl-elezzjoni ta' l-1924 ġew eletti bħala deputati għall-Kamra tar-Rappreżentanti tnejn mill-Presidenti tal-Banda San Ġorġ; f'isem l-UPM is-Sur Fort Ellul u f'isem il-Partit Kostituzjonali, permezz ta' elezzjoni każwali, is-sur Robert Bencini .